**243. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi:**

Billi hu maħsub fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-artikolu (5) tal-Att tal-1988 dwar Permessi ta Bini (Provvedimenti Temporanji), li fil-każ tat-tlugħ jew demolizzjoni ta' bini 'l barra minn area żviluppata li ma tkunx area li għaliha jkun ġie approvat pjan lokali, l-Ministru jista' jagħti permess meta l-għoti ta' dak il-permess ikun awtorizzat b'riżoluzzjoni specjali tal-Kamra;

Billi ntalab permess mill-Madre Superjura, St Dorothy's Convent, għal bini ta' Kunvent tas-Sorijiet u Skola biex takkommoda studenti fil-livelli ta' Kindergarten, livell Primarju u livell Sekondarju fl-art Ta' Srina Road limiti ta' Ħaż-Żebbug Malta kif jidher f'applikazzjoni numru 787/90 u l-pjanta mehmuża magħha li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra;

Billi għal din l-applikazzjoni japplika l-imsemmi paragrafu (b) tas- subartikolu (5) tal-artiklu 5 tal-imsemmi Att, u jixraq li l-permess jingħata; Għaldaqstant il-Kamra tirriżolvi illi tapprova l-għoti ta' permess mill- Ministeru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura għal bini ta' Kunvent u Skola fuq is-sit fuq imsemmi, ta' circa 40,000 metri kwadri, liema bini ma jkunx ikopri art aktar minn 30% u ma jkunx aktar għoli minn disgħa (9) metri mill-aktar punt għoli tas-sit.

10.07.1990